MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 41/1988/1

**Carmelo Cascun**

**Vs**

**Carmelo Scicluna f'ismu u bhala kuratur tal-assenti Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Barnardina kif konfermat fl-atti tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1987, u Nikolina mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia, Grazzja mart Carmelo Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Maria mart Vincent Cascun, Joseph Scicluna, Joseph u Carmen ahwa Grixti u Antonio Scicluna bhala eredi prezenti tal-mejta Carmela Scicluna u l-Avukat Dottor Pawlu Lia bhala esekutur testamentarju tal-istess Carmela Scicluna u wara l-mewt ta' Josephine Farrugia l-atti**

**gew trasfuzi f'isem Mario Farrugia u Carmelo Farrugia**[1]

Permezz ta' din il-kawza[2] l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu mgieghla jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' enfitewsi perpetwa tal-fond Scicluna's Garage flimkien ma' kamra, li jinsabu fis-Siggiewi, versu hlas ta' Lm50 cens fis-sena. Il-weghda saret permezz ta' skrittura datata 5 ta' Marzu 1987 u kellha tibqa' valida ghall-perjodu ta' tlett xhur minn dakinhar[3].

Jirrizulta li l-konvenut Scicluna miet waqt il-kawza. Skond ma gie ddikjarat waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2012, il-werrieta tieghu huma dawk parti bl-eccezzjoni ta' Suor Bibiana Scicluna, li jirrizulta li hi mejta u Joseph Scicluna. Ghalhekk fil-fehma tal-qorti m'hemmx htiega li ssir xi procedura ohra gialadarba l-werrieta ta' Carmelo Scicluna diga' huma parti f'dan il-procediment. Fir-rigward tas-soru jidher li din ma kenitx wahda mill-werrieta, u f'kull kaz kienet membru f'ordni monastiku (ara verbal tat-13 ta' Jannar 2012.).

Permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fit-13 ta' Settembru 2010[4], il-konvenuti Josephine Farrugia, Grazzja Farrugia, Angela Farrugia, Joseph u Carmen ahwa Grixti, isostnu li:-

*"dan il-konvenju huwa null u bla effett fil-Ligi stante illi qatt ma gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sa l-1 ta' Ottubru 2004, u dan a tenur tal-Artikolu 3(6) tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju."*.

---

[1] Ara dikjarazzjoni li saret fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2012.

[2] Ic-citazzjoni kienet prezentata fl-14 ta' Jannar 1988. Jirrizulta li l-process intilef u ghaddew is-snin sakemm gew prezentati kopja tal-atti.

[3] Fl-ittra ufficjali prezentata fis-16 ta' Dicembru 1987 u fic-citazzjoni jidher li sar zball fis-sens li jinghad li l-fond oggett tal-konvenju hu Sacred Heart, li mill-atti jidher li hu l-fond li jigi fuq il-garaxx.

[4] Fol. 70.

Din is-sentenza tittratta proprju l-eccezzjoni ulterjuri.

L-Artikolu 3(6) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Kap. 364) jipprovdi:-

*"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, konvenju ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' kull proprjeta immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha,* ***ma jkunx validu*** *jekk avviz tieghu ma jkunx inghata lill-Kummissarju fi zmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet, li jistghu jigu stabbiliti. Dan l-avviz ghandu jinghata flimkien ma' hlas ta' taxxa provvizorja ekwivalenti ghal ghoxrin fil-mija tal-hlas tat-taxxa li jkollha tithallas."*.

Avviz li kellu jibda jinghata b'effett mill-1 ta' Jannar 2004. Din kienet mizura li ttiehdet biex jigi evitat evazjoni fiskali ta' taxxa.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2012 id-difensur tal-attur ikkonferma li l-konvenju qatt ma gie registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

F'kawza simili ghal din li kienu parti fiha l-istess konvenuti[5], b'sentenza li nghatat minn din il-qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Jannar 2009, giet milqugha eccezzjoni identika ghal dik li qeghda tigi deciza llum[6]. Il-qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li ma kienx inghata avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Rilevanti hu r-regolament 10 tar-Regoli dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (L.S. 364.06), introdott permezz tal-Avviz Legali 7 tal-2004. Regolament li japplika wkoll fil-kaz ta' trasferiment ta' dritt reali fuq immobbli.

Skond paragrafu 5 tar-regolament 10, *"Il-Kummissarju ghandu jkun avzat b'dawk il-konvenji kollha ta' bejgh jew ta' trasferimenti ta' proprjeta immobbli jew ta' xi dritt reali*

---

[5] **Maria Cascun et vs Carmelo Scicluna proprio et nomine et** (42/1988).
[6] Dwar din is-sentenza ghad hemm appell pendenti.

*fuqha li jkunu saru fil-31 ta' Dicembru 2003 jew qabel, sal-31 ta' Ottubru, 2004."*.

Is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2009 hi bbazata fuq paragrafu 5 tar-regolament 10. Izda ma sar l-ebda accenn ghall-proviso li jghid:-

***"Izda ebda avviz ma jkun mehtieg fil-kaz ta' konvenju ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' xi proprjeta` immobbli jew ta' dritt reali fuqha maghmul*** ***<u>qabel</u>*** ***l-1 ta' Jannar, 2004, meta l-att ghandu jkun ippubblikat qabel l-1 ta' Novembru, 2004."***.

Fil-fehma tal-qorti, ghal finijiet tal-ghoti tal-avviz lill-Kummissarju, li hu rilevanti hu dak li jinghad fil-konvenju fir-rigward tad-data meta ghandu jigi ppubblikat l-att. M'hemmx dubju li skond il-konvenju li ffirmaw il-partijiet fil-5 ta' Marzu 1987, l-att ta' trasferiment kellu jsir qabel l-1 ta' Novembru 2004. Fil-fehma tal-qorti l-kliem ***"....meta l-att ghandu jkun ippubblikat qabel l-1 ta' Novembru 2004."***, ghandhom jigu nterpretati bhala z-zmien li fih kellu jsir l-att finali skond dak li jkun gie dikjarat fil-konvenju. Ghalhekk wiehed ghandu jhares lejn il-konvenju biex jara jekk l-att kellux jigi pubblikat qabel l-1 ta' Novembru 2004, u mhux meta eventwalment jigi pubblikat l-att fl-eventwalita li l-kaz ikollu ezitu favur l-attur. Ghalkemm l-att ikun ghadu ma giex pubblikat minhabba proceduri gudizzjarji li jkunu ghadhom pendenti, il-fatt li ma jkunx inghata l-avviz m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghal min ikun ghamel il-kawza.

F'dan il-kuntest il-Qorti tal-Appell diga' kellha l-opportunita li tapplika dan il-proviso f'kaz ta' konvenju li kien gie ffirmat fl-1966, fil-kawza **Miriam Frendo et vs Agata Agius et** deciza fis-7 ta' Ottubru 2008. Il-Qorti osservat:-

*"Ovvjament, il-fatt li l-kuntratt ma giex ippubblikat qabel 1 ta' Novembru, 2004, minhabba agir tal-konvenuti li ma riedux jirrikonoxxu l-ezistenza tal-konvenju, ma jistax ikun ta' hsara ghall-atturi.* ***Il-konvenju hu wiehed li, fit-termini tieghu, kien jikkontempla l-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv fl-1995, cioe`, qabel l-1 ta' Novembru,***

***2004, u, ghalhekk, ma kienx mehtieg li jinghata avviz tieghu fit-termini tal-Kap.364.***”.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri billi tichad l-istess bl-ispejjez kontra dawk il-konvenuti li pprezentawha**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------